# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Gimgha 18 ta’ Mejju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 68/00G1(PC)

**Antonia Sammut fil-kwalita’ taghha ta’ mandatarja ta’ Rita Morris gia’ Vella kemm f’isimha proprju u kif ukoll in rappreżentanza ta’ uliedha minuri Denise u Matthew .**

**Vs**

**L-avukat Dottor Aaron Attard Hili li b’degriet ta’ l-1 ta’ Novembru, 1999 gie mahtur kuratur sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer John Vella .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara illi ppremettiet :**

**Illi l-partijiet zzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Marzu ta’ l-elf disa’ mija u wiehed u tmenin (1981) u miz-zwieg taghhom kellhom l-imsemmija ulied Denise u Matthew .**

**Illi l-partijiet infirdu minn xulxin skond ftehim maghmul fl-Istati Uniti tas-sitta (6) ta’ Marzu, tal-elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) fejn fost hwejjeg ohra gie miftiehem li l-konvenut kellu jhallas lill-attrici in linea ta’ alimenti ghall-minuri msemmija tlett mitt Dollaru Amerikan (USD 300) fix-xahar li kellhom jintbaghtu hawn Malta (Dok. A) ;**

**Illi dan l-istess ftehim gie inkorporat fid-decizjoni tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Novembru tal-elf disa’ mija u hamsa u disghin (1995) tal-New York State Supreme Court, County Courthouse, Queens County li permezz taghha gie xolt iz-zwieg u gie ordnat id-divorzju bejn il-partijiet (Dok. B) ;**

**Illi l-konvenut naqas li jhallas dawn l-alimenti u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti ta' l-attrici .**

**Talbet lill-konvenut nomine jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :**

**1. Tiddikjara li l-konvenut huwa tenut li jhallas lill-attrici l-ekwivalenti f'liri Maltin ta' tlett mitt Dollaru Amerikan (USD 300) fix-xahar skond il-ftehim fuq imsemmi .**

**2. Tillikwida l-hlas kollu dovut mill-konvenut lill-attrici .**

**3. Tikkundannah ihallas l-ammont hekk likwidat .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali mibghuta fil-11 ta' Marzu, 1997 u tas-6 ta' Ottubru, 1999 .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici nomine skond il-ligi kkonfermata bil-gurament ta' Antonia Sammut .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi mac-citazzjoni, u cioe' kopja tal-ftehim ta' separazzjoni personali milhuq mill-kontendenti fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992), u bhala dokument B kopja tad-decizjoni tad-29 ta' Novembru, 1995 ta' New York States Supreme Court County Court House Queens County .**

**Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine Dr. Aron Attard Hili li eccepixxa :**

1. **Illi t-talbiet attrici nomine et ghandhom jigu respinti fid-dritt u fil-fatt .**

2. **Illi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti stante dwar ftehim li gie iffirmat f'pajjiz esteru u cioe' fl-Istati Uniti ta' l-Amerika peress li l-ebda wahda mill-partijiet hija ordinarjament residenti fil-gzejjer Maltin ;**

3. **Illi ai termini ta' l-artikolu erbatax (14) tal-ftehim imsemmi l-partijiet espressament iddikjaraw li huma ghandhom jirrimettu ruhhom ghal-ligijiet ta' l-Istat ta' New York f'kaz ta' interpretazzjoni tal-ftehim imsemmi inkluzi d-drittijiet ta' l-istess partijiet .**

4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine ikkonfermata bil-gurament ta' l-avukat Dottor Aron Attard Hili .**

**Innutat illi fis-seduta precedenti tat-18 ta' Jannar, ta' din is-sena gew prezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, li msejjah tlett darbiet naqas li jidher ghal dik is-seduta ,**

**Innutat ukoll li l-istess konvenut nomine naqas li jattendi sabiex jikkontesta dawn il-kapitoli fis-seduta tal-lum .**

**Ghal hekk wara li nfethu l-istess kapitoli, u inqraw, dawn l-istess kapitoli ghandhom skond il-ligi jigu dikjarati bhala li huma ammessi.**

**Il-Qorti, ghal hekk tiddecidi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici,**

1. **tiddikjara l-konvenut tenut li jhallas lill-attrici f'ekwivalenti liri maltin ta' tlett mitt dollaru amerikan fix-xahar skond il-ftehim imsemmi fl-istess citazzjoni,**

2. **tillikwida l-ammont dovut lill-attrici skond dan il-ftehim, li wkoll gie inkorporat fis-sentenza indikata ta' New York Supreme Court, fis-somma ta' tlett mitt dollaru amerikan fix-xahar, pagabbli mid-data indikata fl-istess ftehim,**

3. **tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas dan l-ammont lill-attrici, in linea ta' alimenti ghall-ulied minuri .**

**L-ammont likwidat bhala alimenti, naturalment ghandu jkun dak dovut sal-prezentata ta' din ic-citazzjoni .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu, 1997, u dik tas-6 ta' Ottubru, 1999 kontra l-konvenut .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S6800Pc